IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**

**MINUTI tal-Laqgħa A 32**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija Itaqa' nhar**
**It-Tlieta 13 ta' Awwissu 2013 fis-6.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea | Membru |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 pm

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A31**

1.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A31 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A31

1.02 4.01 Is-Sur Paul Galea talab li ma' item numru 4.01 tiżdied din l-emenda: — *Patching* ġewwa Fomm ir-Riħ u Wied Rini

"Is-Sur Paul Galea qal li l-Kunsill ċertu żoni ma jikkunsidrahomx għax ix-xogħol ta' manutenzjoni fuq it-toroq qed jieħu fit-tul biex isiru".

1.03 Il-minuti ġew approvati kif emendati.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A31** — Punti li joħorġu mill-Minuti A31

2.01 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li din il-kwotazzjoni ġiet aġġudikata u l-kuntrattur ser jibqa' l-istess wieħed, is-Sur Neville Psaila. — Kwotazzjoni tat-tindif u ż-żamma tal-latrina pubblika


8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.02 | 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-istima għal dan ix-xogħol għad trid titla' għall-approvazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv. | *Patching* f'Tas-Sirena |
| 2.03 | 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-qtugħ ta' ħaxix f'tas-Sirena tlesta. | Qtugħ ta' ħaxix f'Tas-Sirena |
| 2.04 | 3.03 Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea talbet li niktbu lill-Arriva sabiex jistudjaw ir-rotta 109. Hija talbet li l-karozza tal-linja li tidħol il-Baħrija tistenna lill-karozza tal-linja li tasal ir-Rabat mill-Belt qabel ma titlaq għall-Baħrija. Dan għandu jsir bi prova. | Talba biex l-Arriva tidħol il-Landrijiet |
| **3.00** | **Komunikazzjoni mill-membri** | |
| 3.01 | Is-Sna Joan Ann Farrugia Galea talbet li nitolbu 'Statistical Report' lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar kemm-il darba l-*bowser* jidħol ibattal il-fossa tal-Baħrija. Hija saħqet li dan il-blokk tal-appartamenti ser ikun ta' detriment għar-residenti tal-Baħrija kollha peress li l-fossa ma tiflaħx aktar appartamenti. | Applikazzjoni mal-MEPA dwar bini ta' blokk appartamenti fi Triq Patri Tumas Xerri |
| 3.02 | Il-membri talbu biex nappellaw mid-deċiżjoni tal-MEPA. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekkja mal-perit sabiex nivverifikaw jekk għadniex biċ-ċans li nappellaw. | |
| **4.00** | **Affarijiet Oħra** | |
| 4.01 | Ma kien hemm l-ebda ħaġa oħra x'tiġi diskussa. | Affarijiet Oħra |
| **5.00** | **Data tas-seduta li jmiss** | |
| 5.01 | Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 12 ta' Settembru 2013 fis-6.00 p.m. | Aġġornament |
| 5.02 | Il-laqgħa ntemmet fis-6.45 pm. | |

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**